# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, tlettax (13) ta' Mejju 2025

Kawża Nru 183/2025

**Il-Pulizija**
***(Spettur Josef Gauci)***

Vs

**Kenneth Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Kenneth Cutajar**, iben Emanuel u Lucia nee Rapa, imwieled ir-Rabat, Għawdex nhar it-tlettax (13) ta' Novembru 1980 u residenti "Del Mar Court", Misraħ Sir Michel' Angelo Refalo, Żebbuġ, Għawdex detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 27880(G) talli nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2024 u fil-ġranet u

fis-snin ta' qabel, fil-gżira ta' Kemmuna (Blue Lagoon) u/jew f'dawn il-Gżejjer:

(1) ikkommetta serq sempliċi ta' ilma għad-dannu tal-Ministeru għal Għawdex;[1]

(2) u aktar talli fl-istess ċirkostanzi, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu ġiegħel bl-awtorita tiegħu inniffsu, lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew ħatt bini, jew kiser il-mixi tal-ilma jew ħa l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor għad-dannu tal-Ministeru għal Għawdex.[2]

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawża kienet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

[1] Artikoli 42, 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-fatti f'dan il-każ huma s-segwenti: nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2023, id-Direttur tal-ECO Gozo Joseph Cutajar irrapporta fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex li xi ħadd mhux magħruf kien qed jisraq l-ilma mit-*toilets* pubbliċi li jinsabu f'Kemmuna. Dan kien qiegħed isir billi xi ħadd qabbad xi pipes mas-supply tal-ilma tal-istess *toilets*. Cutajar spjega lill-Pulizija li kienu instabu żewġ pipes wieħed iswed u l-ieħor aħmar li kienu imqabbdin mas-sistema tal-ilma tal-Gvern. Dawn kienu inqalgħu iżda xi ħadd mhux magħruf kien reġa' qabbadhom.

Fuq struzzjonijiet ta' PS 506 Derrick Bugeja, il-Pulizija ta' Kemmuna marru fuq il-post fejn it-toilets pubbliċi fejn kien hemm il-connections tal-ilma. Huma sabu li l-pipe aħmar ma kien ikkumnikat mal-ebda sistema tal-ilma iżda l-pipe l-iswed kien ikkumnikat mas-sistema tal-ilma tal-Gvern. Huma segwew dan il-pipe u irriżulta li kien qed jagħti għan-naħa ta' wara tal-Kiosk bl-isem "L'Aragosta Kiosk". Il-Pulizija tkellmu ma Emil Stojkov u Pero Ignatov, ħaddiema f'dan l-istess kiosk, li stqarru li ma kinux konxji ta' dan il-pipe tal-ilma. Indikaw wkoll li l-akkużat Kenneth Cutajar kien l-imgħallem u sid tal-gabbana.

Sussegwentement il-Pulizija bagħtu għal sid il-gabbana Kenneth Cutajar. Dan tal-aħħar irrilaxxa stqarrija fejn sostna li huwa la kien ta struzzjonijiet lill-ħaddiema tiegħu biex iqabbdu xi pipes mas-sistema tal-

ilma tal-Gvern u lanqas kien qabbad il-pipe huwa stess. Sostna li din l-azzjoni setgħet saret minn xi ħadd biex jagħmillu xi azzjoni ħażina.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti sejra l-ewwel tibda biex teżamina it-tieni imputazzjoni u ċioe dik li taqa' taħt l-artikolu 85 tal-Kap. 9. Dan l-artikolu jistabilixxi r-reat ta' raggion fattasi. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Eileen Said***[3] u ***Il-Pulizija vs Vincent Cortis***[4], il-Qorti tal-Appell Kriminali elaborat li l-element kostituttiv tar-reat ta' raggion fattasi *"hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżercita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddiehor, per eżempju. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu t-tgawdija tagħha."* Huwa ċar għalhekk li reat ta' raggion fattasi u r-reat ta' serq qatt ma jistgħu jissussistu ma' xulxin – kif jgħidu l-Ingliżi huma *mutually exclusive*. Kull reat jirrikjedi element intenzjonali differenti minn dak rikjest għar-reat l-ieħor: jekk jiġi ippruvat l-element intenzjonali rikjest għall-fini tal-artikolu 85 awtomatikament ifisser li fl-istess ħin ma jistax jissussisti l-element intenzjonali għar-reat tas-serq u viċi-versa.

[3] Deciza fis-19 ta' Gunju 2003.
[4] Deciza fis-27 ta' Novembru 2008.

Din il-Qorti ma tifhimx kif il-Prosekuzzjoni għażlet li tagħti akkuża taħt l-artikolu 85 tal-Kap. 9. Dan għar-raġuni li minn eżami tal-atti proċesswali huwa ċar li l-każ odjern jirrigwarda każ ta' allegat serq ta' ilma minn propjeta governattiva, xejn aktar u xejn anqas. Dan huwa konfermat wkoll mill-korrispondenza bl-*email* li ġiet skambjata bejn l-Uffiċjali tal-Pulizija u d-Direttur tal-ECO Gozo Joseph Cutajar fejn l-Pulizija talbu lill-istess direttur jikkwantifika l-ammont ta' ilma li allegatament kien insteraq minn Kemmuna.[5] Għalhekk il-fattispecie ta' dan il-każ ma jistgħu qatt jaqgħu fil-parametri tal-artikolu 85 tal-Kap. 9 u għalhekk it-tieni imputazzjoni fil-każ odjern qatt ma tista' tirriżulta.

Jibqa' għalhekk x'tiġi indirizzata l-ewwel imputazzjoni, dik tas-serq sempliċi. Mhux kontestat li mill-provi prodotti irriżulta li kien hemm pipe tal-ilma li kien imqabbad mas-sistema tal-ilma tat-toilets pubbliċi f'Kemmuna u liema pipe kien qiegħed jieħu għall-gabbana propjeta tal-akkużat. Abbażi ta' din l-informazzjoni il-Pulizija għalhekk xliet lill-akkużat li huwa kien qed jisraq l-ilma. Inħarġet biss akkuża ta' serq sempliċi għaliex mill-korrispondenza skambjata bejn il-Pulizija u l-Ministeru għal Għawdex, il-Ministeru ma kienx f'posizzjoni li jindika bil-preċiż l-ammont ta' ilma li allegatament insteraq. Dak li l-Qorti trid tifli huwa jekk il-provi imressqa humiex b'saħħithom biżżejjed tant li jistgħu jwasslu għal sejbien ta' ħtija fl-akkużat għal din l-imputazzjoni.

[5] Ara email a fol. 24 tal-proċess.

Wara li rat il-provi miġjuba, il-Qorti tirrileva s-segwenti:

(a) għalkemm fl-istqarrija tiegħu l-akkużat Kenneth Cutajar ikkonferma li l-gabbana in kwistjoni hija propjeta tiegħu, huwa ċaħad li kien konxju li kien hemm pipe li mill-gabbana tiegħu kien qiegħed imqabbad mas-sistema tal-ilma tal-Gvern. Eskluda wkoll li l-ħaddiema tiegħu seta' kellhom x'involviment f'dan il-każ peress li dawn isegwu l-istruzzjonijiet tiegħu u huwa qatt ma kien tahom xi struzzjonijiet f'dan is-sens;

(b) skont dak li xehdu PC 653 J. Xerri u PC 1180 P. Sultana, dawn stqarru li l-pipe iswed kien imqabbad mas-sistema tal-ilma tal-latrina pubblika u li dan il-pipe kien jasal għan-naħa ta' wara tal-gabbana bl-isem "Blue Lagoon Cocktail Bar" / L'Aragosta Kiosk. Dawn il-Pulizija pero ma jidhirx li investigaw ma' xiex eżattament kien imwaħħal dan il-pipe tal-ilma fil-gabbana u jekk kienx qiegħed jissuplixxi b'mod dirett xi vit jew vitijiet tal-ilma li kien hemm fil-gabbana. Lanqas ma indikaw jekk dan il-pipe kienx imqabbad ma' xi tankijiet tal-ilma. Hemm assenza assoluta ta' provi f'dan ir-rigward. Apparti minn hekk għalkemm l-Ispettur Josef Gauci ippreżenta ritratti li juru dan il-pipe l-iswed u l-istess Spettur spjega li dawn ir-ritratti ħaduhom il-Pulizija PC 1180 u PC 653 li marru fuq il-post, dawn iż-żewġ pulizija fl-istess affidavits tagħhom ma jagħmlu l-ebda riferenza għall-fatt li huma ħadu xi

ritratti. Dan apparti l-fatt li fir-ritratt DOkument JG 2 ma jidhirx biss pipe wieħed iswed iżda hemm sensiela ta' pajpijiet suwed;

(c) minn dak li tista' tifhem il-Qorti, il-*connections* tal-pipe l-iswed **<u>ma kinux f'postijiet li kienu aċċessibbli unikament u esklussivament għall-akkużat</u>**. Infatti mir-ritratti li ġew esebiti huwa ċar kif il-pipes ma kinux moħbija taħt l-art iżda kienu qegħdin fil-wiċċ faċilment viżibbli għal kullħadd. Il-pajpijiet u l-*connections* tal-istess kienu aċċessibbli wkoll għal kullħadd, b'mod li min ried seta' jagħmel tibdil fl-istess *connections* mingħajr l-ebda ostakolu jew diffikulta. L-istorja kienet tkun differenti li kieku l-*connections* kienu qegħdin f'ambjent li l-aċċess għalih huwa ristrett;

(d) fil-mument li l-Pulizija marru u stabbilew li kien hemm dan il-pipe magħqud mas-sistema tal-ilma tal-Gvern, l-akkużat ma kienx fuq il-post u dak il-ħin ma kienx qiegħed jiġġestixxi din il-gabbana hu. Kien hemm żewġ persuni oħra li kienu responsabbli minn din il-gabbana u li stqarrew li ma kellhomx għarfien tal-istess pipe. Huwa għalhekk li din il-Qorti tqis li kien fundamentali għall-uffiċjali tal-Pulizija li investigaw ir-rapport li sar li jistabilixxu l-pipe iswed tal-ilma x'kien qiegħed jissupplixxi b'mod dirett fl-istess gabbana. Din l-informazzjoni kienet tkun essenzjali sabiex jiġi stabbilit jekk setax kien minnu dak li sostnew iż-żewġ ħaddiema kif wkoll dak li sostna l-istess akkużat fl-istqarrija tiegħu. Din l-

informazzjoni kienet tkun ta' għajnuna sabiex titfa' dawl fuq il-veraċita ta' dak li ġie dikjarat. Sfortunatament din l-informazzjoni pero ma ħarġitx mill-investigazzjonijiet li saru b'rabta ma' dan il-każ;

(e) meta innutaw il-pipes l-ewwel darba, il-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex fl-ebda ħin ma indikaw ma' liema gabbani kienu imqabbdin dawn il-pipes, dejjem jekk kienu imqabbdin ma' xi gabbani. Stabbilew biss li kien hemm żewġ pipes li kienu qegħdin jieħdu l-ilma mis-sistema tal-latrina pubblika, qalgħu dawn il-pipes u waqfu hemm. Dan minkejja li l-istess pipes kienu faċilment viżibbli. Li kieku effettivament f'dak il-punt ġie stabbilit mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex li wieħed mill-pajpijiet kien imqabbad mal-gabbana li l-akkużat huwa s-sid tagħha jew inkella l-Pulizija ġiet infurmata u saret investigazzjoni li indikat li l-pipe kien qiegħed iwassal għall-gabbana tal-akkużat, din il-Qorti kienet tkun f'posizzjoni li tikkonkludi li dan il-pipe meta reġa' twaħħal kien bil-fors twaħħal konxjament mill-akkużat jew mill-ħaddiema tiegħu. Dan kien idgħajjef ferm id-dikjarazzjonijiet li saru mill-akkużat u mill-ħaddiema tiegħu lill-Pulizija għax kien jindika li kienet ittieħdet azzjoni deliberata biex terġa' tiġi ripristinata l-provvista tal-ilma wara li din kienet twaqqfet.

Il-Qorti għalhekk fiċ-ċirkustanzi għandha dubji kemm jista' jingħad li l-akkużat kien il-persuna li konxjament għaqqad jew ta

struzzjonijiet lil ħaddieħor biex jgħaqqad il-pajp tal-ilma li ingħad li kien ħiereġ mill-gabbana tiegħu għal mal-pipe tal-ilma tal-Gvern bl-iskop li l-istess akkużat jkun jista' jisraq l-ilma mis-sistema tal-Gvern. Tali dubju għandu jmur favur l-akkużat u għaldaqstant l-Qorti hija kostretta li tillibera lill-akkużat.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi **il-Qorti mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha** miġjuba fil-konfront tiegħu u qiegħda tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Dr. Jean Paul Grech**
**Maġistrat**

**Joseph Grech**
**Deputat Reġistratur**